CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 68

L-Erbgħa, 22 ta' Awwissu 2018

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-9.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-9.05am.

**68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

68.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

68.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas- Seba' u Sittin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

68.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

68.3.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' l-avukat tal-Kunsill fir-rigward tal-Bye Law propost għad-dhul tal-karozzini ġewwa l-Mdina. Ġew diskussi il-klawsoli u qed ipoġġi fuq il-mejda draft bye law għas-skrutinju tal-Kunsilliera. Is- Sindku qed jipproponi li fil-laqgħa li jmiss tiġi finalizzata din il-bye law biex tintbgħat d- Dipartiment għall-approvazzjoni tal-Ministru.

68.3.2 Is-Sindku qed jipproponi li l-bins li hemm barra l-Mdina jiġu mibdula minħabba li dawn iddetterew. Il-Kunsill approva.

68.3.3 Is-Sindku qed jipproponi li għandha tinħareg sejħa għall-offerti għas-servizzi ta' Perit għar-raġuni li fix-xhur li ġejjin apparti xi xogħolijiet zgħar li jirrekjedu l-għajnuna ta' perit, ser issir applikazzjoni b'rabta mal- fond Sebbaħ Il-Lokal maħruġa mill- Awtorita' Ta' L-Ippjannar fejn ser isir it-tisbieħ tal-playground li jinsab fi Triq Testaferrata. Il-Kunsill approva

68.3.4 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill kopja ta' l-objection letter li ntbgħatet mill-avukat tal-Kunsill b'rabta ma' l-applikazzjoni PA 6253/18 magħmula u sottomessa lill- Awtorita' ta' L-Ippjannar mill-Awtorita' tat- Turizmu għal Screen " 55 u bank fid-daħla tal-Bieb prinċipali ta' l-Mdina. Din l-applikazzjoni saret mingħajr il-kunsens tal-Kunsill.

68.3.5 Is-Sindku ta aktar dettalji lill-Kunsill fuq il- Majjalata li ser issir nhar il-Ġimgħa 31 ta' Awwissu 2018 b'rabta ma' Jum L-Mdina. Ġew diskussi il-kwotazzjonijiet li ntbgħatu u ġiet approvata l-irħas offerta.

68.3.6 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-Concourse D' Elegance ser isir nhar il-Gimgħa 12 ta' Ottubru 2018 fi Pjazza San Pawl. Għal dan il-ftiehem il- Kunsill ser jibbenifika mill-għotja ta' € 3000. Sadanittant kien hemm talba oħra minn Muscat Motors għal launching tal- karozza mudell Jaguar biex isir fl-istess Pjazza u għalhekk biex innaqqsu l-inkonvenjent għar-residenti ġie konkluz li din l-attivita; issir fl-istess ġurnata tal-Concourse u li għaliha il-Kunsill ser jibbenefika mill-għotja ta' € 2000 oħra.

## 68.4 Tiġdid tal-Kuntratt għal Knis tat-Toroq u Bulky Refuse- MLC 1/2016

68.4.1 Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tal-kuntratt tal-knis tat-toroq u bulky refuse għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill biex jerġa jiġi mġedded għal sena oħra mill-1 ta' Ottubru 2018.

68.4.2 Is- Sindku beda biex qal li kull sena li qed tgħaddi minħabba z-zieda fl-influs ta' turisti kif ukoll residenti f' Malta li jzuru l-lokalita' ta' l-Mdina fejn il-bzonn għal servizzi aktar fil-kwalita' u anke zieda fil-ħin tal-ġurnata biex jingħata dan is-servizz qed tinħass il-ħtieġa li l-kuntratt attwali mhux qed jindirizza din iz-zieda fl-influs.

Huwa kien qed jipproponi li jiġu diskussi waqt din il-laqgħa, s-servizzi addizjonali li fl-opinjoni tal-Kunsilliera għandhom isiru u min hemmhekk issir laqgħa matul din il-ġimgħa mal-Kuntrattur ezistenti fejn jiġi infurmat b'dawn iz-ziediet u f' kaz li l-ammont mitlub mill-kuntrattur bħal zieda fil-prezz tal-kuntratt jeċċedi l-għaxra fil-mija (10%), il-Kuntratt ezistenti jintemm u tinħareġ sejħa għall-offerti li fihom ikun hemm inkluzi ukoll is-servizzi addizjonali.

68.4.3 Wara li saret diskussjoni bejn il-kunsilliera, is- Sindku ippropona għall-approvazzjoni tal-Kunsill dawn iz-ziediet fil-kuntratt. Il-Kunsill approva.

## 68.4 Rapporti, Ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet

### 68.4.1 Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur April sa Ġunju

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju ta' kull tlett xhur bejn April sa Ġunju. Ir-rapporti kien proposti għall-approvazzjoni mis-Sindku PSM li kien issekondat mill-Viċi Sindku JD. Il-Kunsill approva.

68.4.2 Is- Sindku qed jirrakkomanda permezz ta' rizoluzzjoni li " Fid-dawl tal-fatt li għal dawn l-aħħar 25 sena minn kemm ilhom jezistu l-Kunsilli, l-Kunsill kien qed jitlob lil Lands Department biex l-uffiċċju tal-Kunsill prezenti li jinsab fi Corte Capitanale jgħaddi b'titlu lil Kunsill u tiġi mposta kera pero'għal xi raġuni jew oħra bqajna mingħajr risposta sal-ġurnata ta' lum.

Għal fatt ukoll li l-Kunsill kien prudenti fejn kull sena għas-sena finanzjarju tiegħu dejjem ħa provvediment għal din il-kera u daħħal il-kera fil-kotba tiegħu bħala *accrual* li sal-ġurnata ta' llum l-ammont juri is-somma ta' € 51,520.

Għalhekk fil-fatt ta' dan kollu qed jitlob li dan l-ammont ta' *accruals* jiġi mnaqqas u jittieħdu in kunsiderazzjoni l-aħħar ħames (5) snin skond kif tipprovdi il-liġi u dan fuq parir ta' l-avukat tal-Kunsill. Ma jistax ikun li fuq nuqqas tal-Lands Department, il-kotba finanzjarji tal-Kunsill jibqħu juru deficit fittizju minħabba dan il-provvediment ta' *accrual"*

Din ir-risoluzzjoni ġiet ssekondata mill-Kunsilliera s- Sinjura Maryann Sultana. Il-Kunsill approva unanimament.

68.4.3 Is- Segretarju Ezekuttiv infurma lill-Kunsill li l-kuntratt ta' l-accountant wasal biex jiskadi sa l-aħħar ta' Awwissu u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex ikun hemm kontinwita' fis-servizz li qed jingħata mill-prezenti accountants sa l-aħħar tas- sena finanzjarja 2018.

68.4.3.1 Is- Sindku ressaq ir-rakkomandazzjoni tas- Segretarju Ezekuttiv għal approvazzjoni tal-Kunsill fejn ġiet ssekondata mill-Viċi Sindku, Is- Sur Joe Debono. Il-Kunsill approva unanimament u talab li tingħata direct order sa l-aħħar tas- sena finanzjarja 2018.

68.5.4 Cirkulari Nru. SPI 10/2018- Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi. Is- SE infurma lill-Kunsill li l-Kunsill ta' L-Mdina ma jistax japplika għal din l-iskema għar-raġuni li matul is-sena isiru diversi interventi mill-Gvern Ċentrali ta' dan it-tip mingħajr il-bzonn ta' skemi għal finanzjament.

68.4.5 Għal sena oħra l-Kunsill ta' L-Mdina aċċetta t-talba ta The Marigold Foundation biex għax-xahar ta' Ottubru jippartecipa' fil-Pink October u tinxtghel din id-darba Casino Notabile.

68.4.6 Is- SE infurma lill-Kunsill li wara proċess ta' sejħa għal post ta'skrivan part-time mal-Kunsill li beda' f'Jannar li għadda fejn ma kienx hemm rispons minn applikanti u fid-dawl tal-fatt li saret talba mad-Dipartiment għal Gvern Lokali għal post ta' Full Time aktar minn xahar ilu u fejn għal xi raġuni jew oħra risposta sal-ġurnata ta' llum għada ma ngħatatx, is- Segretarju infurma lil Kunsill li ma jistax ikun izjed li jibqa' jaħli nofs il-ġurnata għal Front Desk u xogħolu jibqa' lura.

Is- SE kompla qal li għal fatt li minn mindu daħal għal dan l-inkarigu l-Mdina, peress li is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kien fin-negattiv, minn jeddu aċċetta li jaħdem bi skrivana fuq bazi ta' 25 siegħa fil-ġimgha u l-kumplament jaħdimhom hu sakemm il-Kunsill finanzjarjament jiġi fuq saqajh.

Issa li s-sitwazzjoni finanzjarja ġiet għan-normal, dan l-arranġament temporanju minn naħa tiegħu jrid jispiċċa u mhux ser jaċċetta izjed li jibqa' jagħmel xogħol aktar ta' front desk

Għaldaqstant huwa kien qed jitlob li sakemm id- Dipartiment jogħġbu li jagħti permess għal reklutaġġ ta' skrivan full-time u tinstab persuna full time, il-ħinijiet tak-ftuħ ta' l-uffiċċju għal pubbliku ser jinbidlu.

Il-Kunsill fehem is-sitwazzjoni prezenti u approva it-talba tas- SE

**68.6 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

68.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-22 ta' Awwissu 2018, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 15,717.10

68.6.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Camille Scerri li kienet issekondata mill-Kunsilliera Maryann Sultana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**68.7 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss</u>**

68.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, il-laqgħa ntemmet fl-9.am u ġiet aġġornata għat-26 ta' Settembru 2018 fit-3pm

IFFIRMATA

____________________

Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA

____________________

Mark Mallia
Segretarju Eżekuttiv

Data: 26-09-2018_______